# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 27**

**Avviz numru 230/99/SM**

**Marcel Cutajar**

**vs**

**Philip Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-istanti s-somma ta' seba' mija u disa' u tmenin lira u erba' u ghoxrin centezmu (LM789.24,0) jew somma verjuri, danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fit-30 ta' April 1998 fi Rue D'Argens kantuniera ma' Msida Road, Gzira, bejn il-vettura LAN 714 misjuqa minn Marcel Cutajar u l-vettura EBY 541 misjuqa minnu Philip Mifsud;**

2. **Prevja d-dikjarazzjoni li hu kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba**

**negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

3. **Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi LM23 ta' spejjes legali maghmula mill-attur u dawk tal-ittra ufficjali presentata llum stess kontra l-assikuraturi ta' Philip Mifsud, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Marzu ta' l-1991 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur innifsu;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti lil taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fit-30 t'April ta' l-1998 ghall-habta ta' l-3.45 p.m. f'Rue d'Argens ma Triq l-Msida, Sliema;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu dik bin-numru ta' registrazzjoni LAN-714 misjuqa mill-attur u xarabank tal-linja bin-numru ta' registrazzjoni EBY-541 misjuqa mill-konvenut;**

3. **Illi x-xarabank kien qed jigi misjuq fir-rotta mill-Belt ghal Tas-Sliema;**

**4. Illi meta x-xufier gie beix jikser it-triq ta' hdejn l-istadium fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema, tilef il-kontroll u baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur li kienet wieqfa;**

**5. Illi l-ammont ta' danni sofferti mill-attur gew regolarment ipprovati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat li l-attur kien wieqaf fil-hin ta' l-incident u li ma jirrizulta xejn li jista' jiskossa l-versjoni tax-xhud okulari prodotta f'din il-procedura;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Philip Mifsud unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba' mija u disa' u tmenin Lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu, (LM789.24,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Philip Mifsud biex ihallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u disa' u tmenin Lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu, (LM789.24,0), kif hekk likwidat, bl-isejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**